



PARLAMENT EWROPEW

2014 - 2019

*Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu*

**2011/0023(COD)**

29.4.2015

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-użu tad-dejta fir-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti serji (COM(2011)0032 – C7-0039/2011 – 2011/0023(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Michael Cramer

PA\_Legam

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Din il-proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva biex tevalwa d-dejta tal-passiġġieri tirriżulta mill-fatt li skadiet il-proċedura leġislattiva għal deċiżjoni qafas dwar is-suġġett minħabba d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Liżbona.

Xi punti kritiċi li saru dwar il-proposta fl-2008 ittieħdu inkunsiderazzjoni. Iżda għad hemm tħassib sinifikanti dwar il-ħtieġa u l-proporzjonalità ta' din il-miżura; dan it-tħassib ġie espress mis-Superviżur tal-Protezzjoni tad-Dejta<sup>1</sup>, mill-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali<sup>2</sup> u mis-Servizz Legali tal-Kunsill<sup>3</sup>. Il-proposta għandha tiġi emendata b'mod li jiġu inklużi l-kriterji tan-neċessità u l-proporzjonalità. Kif wera l-eżempju tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali Rumena dwar il-ħżin tad-dejta<sup>4</sup>, mhuwiex aċċertat jekk il-liġijiet tal-UE li jwasslu għal kontroversji dwar id-drittijiet bażiċi jistgħux fil-fatt jiġu traposti fl-Istati Membri. Fis-sentenza tagħha dwar il-ħżin tad-dejta<sup>5</sup>, il-Qorti Kostituzzjonali Ġermaniża tat avviż ċar li aktar miżuri ta' retenzjoni - inkluż fuq il-livell tal-UE - jistgħu faċilment jirriżultaw fil-qbiż tal-limitu kumulattiv assolut fejn 'il hinn minnu anki nies li ma jaqgħux taħt suspett jiġu suġġetti għal monitoraġġ, bi ksur tad-drittijiet bażiċi.

L-ispiża finanzjarja taż-żamma tad-dejta hija konsiderevoli. Fl-2007, il-Kummissjoni stmat li l-ispiża ta' darba (mingħajr l-ispejjeż addizzjonali) għall-Istati Membri kollha jammontaw għal 614 833 187 EUR. Għall-impriżi tal-avjazzjoni (mingħajr ma wieħed jinkludi l-impriżi tal-avjazzjoni ta' terzi stati) ikunu ta' 11 647 116 EUR, li jkollhom spejjeż tat-tħaddim ta' 2 250 080 EUR bil-metodoloġija PUSH li tiġi applikata darbtejn għal kull passiġġier.

Ir-rapporteur tipproponi li l-Kummissjoni tintalab tagħmel studju dwar l-ispejjeż u biex tipproponi miżuri fejn dan hu meħtieġ.

Sabiex tiġi garantita l-proporzjonalità tad-Direttiva, ir-rapporteur tipproponi li jitnaqqas l-kamp ta' applikazzjoni:

- L-evalwazzjoni tad-dejta tal-PNR għandha ssir biss għall-prevenzjoni, il-kxif, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi. Id-definizzjoni ta' dawn ir-reati terroristiċi għandha tkun iktar eżatta u għandha tiġi limitata għal sitwazzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/475/JI. M'hemm x bżonn li jiġu inklużi reati fl-Artikoli 2 sa 4 tad-Deċiżjoni Qafas, peress li t-terminu 'prevenzjoni' ta' reat terroristiku ikopri preparazzjonijiet għal u organizzazzjoni ta' att bħal dan.

---

<sup>1</sup> Ara

[http://www.edps.europa.eu/EDPSWEB/webdav/site/mySite/shared/Documents/Consultation/Opinions/2011/11-03-25\\_PNR\\_EN.pdf](http://www.edps.europa.eu/EDPSWEB/webdav/site/mySite/shared/Documents/Consultation/Opinions/2011/11-03-25_PNR_EN.pdf)

<sup>2</sup> Ara <http://fra.europa.eu/fraWebsite/attachments/FRA-PNR-Opinion-June2011.pdf>

<sup>3</sup> Ir-rapport tal-esperti ma ġiex publikat, iżda huwa aċċessibbli wkoll hawnhekk: <http://gruen-digital.de/wp-content/uploads/2011/05/Gutachten-JD-Rat-PNR.pdf>

<sup>4</sup> Deċiżjoni Nru. 1258 tat-8 ta' Ottubru 2009, [http://www.ccr.ro/decisions/pdf/ro/2009/D1258\\_09.pdf](http://www.ccr.ro/decisions/pdf/ro/2009/D1258_09.pdf)

<sup>5</sup> Deċiżjoni tat-2 ta' Marzu 2010, 1 BvR 256/08, 1 BvR 263/08, 1 BvR 586/08, [http://www.bundesverfassungsgericht.de/entscheidungen/rs20100302\\_1bvr025608.html](http://www.bundesverfassungsgericht.de/entscheidungen/rs20100302_1bvr025608.html).

- Id-dejta tal-passiġġieri m'għandhiex tiġi analizzata inkonnessjoni ma' "reat serju" kif imsemmi fl-abbozz, peress li d-definizzjoni mogħtija ta' "reat serju" hija wiesgħa wisq. Hija tinkludi reati "komuni" bħal frodi u wkoll 'reati żgħar', li l-inklużjoni tagħhom anki fl-opinjoni tal-Kummissjoni hija sproporzjonata (ara l-Artikolu 2 (h)).
- Minbarra dan, il-metodi użati għall-ipproċessar tad-dejta għandhom jiġu definiti b'mod aktar preċiż (Artikolu 4).
- It-trasferiment tad-dejta (Artikoli 7 u 8) għandu jkun limitat għal każijiet fejn dan huwa meħtieġ għall-prevenzjoni, il-kxif, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reat terroristiku speċifiku u għandu, fejn huma involuti terzi pajjiżi, ikun jiddependi minn garanziji adegwati tal-protezzjoni tad-dejta.
- Il-perjodu taż-żamma għandu jitnaqqas b'mod konsiderevoli. Il-perjodu taż-żamma li ġie propost ta' 30 jum jieħu inkunsiderazzjoni d-drittijiet fundamentali. Għandu jkun biżżejjed għal każijiet ta' suspett serju jew suspett urġenti. Jista' jkun hemm aċċess għal dejta aktar qadima mill-awtoritajiet nazzjonali kull meta jridu mill-informazzjoni li tinżamm għal diversi xhur minn impriżi tal-avjazzjoni jew sistemi tal-ibbukkar. Dan ma jeħtieġ l-ebda bażi legali għida.
- Id-drittijiet tal-passiġġieri rigward il-kunfidenzjalità u s-sigurtà tad-dejta u għall-informazzjoni, rettifika, tħassir u bblokkar u d-dritt għall-kumpens u rimedju ġudizzjarju għandhom jissaħħu. Partikolarment id-dritt għall-informazzjoni, li huwa limitat ferm fid-Direttiva qafas, għandu jitjieb. Ir-rapporteur tipproponi li jiġu applikati liġijiet interni abbażi tad-Direttiva 95/46/KE għall-ipproċessar tad-dejta tal-PNR, anki jekk id-Direttiva inkwistjoni ma tapplikax għal kooperazzjoni bejn il-pulizija u ġudizzjarja bejn l-Istati Membri (ara l-Artikolu 3 tad-Direttiva). Fl-aħħar nett, jeħtieġ li tinstab soluzzjoni għal din il-problema tal-protezzjoni tad-dejta fl-oqsma tal-affarijiet ġudizzjarji u l-intern bħala riżultat tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona.
- Għandha tiġi provvduta biss id-dejta meħtieġa għall-għanijiet tad-Direttiva.

## EMENDI

Il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu jistieden lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

### Emenda 1

#### Proposta għal direttiva

##### Premessa 4

###### *Test propost mill-Kummissjoni*

(4) Id-Direttiva tal-Kunsill 2004/82/KE tad-29 ta' April 2004 dwar l-obbligu tat-trasportaturi bl-ajru li jikkomunikaw dejta tal-passiġġieri tirregola t-trasferiment bil-quddiem ta' informazzjoni dwar il-passiġġieri mit-trasportaturi bl-ajru lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti bil-għan li jtejbu l-kontrolli bejn il-fruntieri u għall-ġlieda kontra l-immigrazzjoni **irregolari**.

###### *Emenda*

(4) Id-Direttiva tal-Kunsill 2004/82/KE tad-29 ta' April 2004 dwar l-obbligu tat-trasportaturi bl-ajru li jikkomunikaw dejta tal-passiġġieri tirregola t-trasferiment bil-quddiem ta' informazzjoni dwar il-passiġġieri mit-trasportaturi bl-ajru lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti bil-għan li jtejbu l-kontrolli bejn il-fruntieri u għall-ġlieda kontra l-immigrazzjoni **illegali**.

### Emenda 2

#### Proposta għal direttiva

##### Premessa 5

###### *Test propost mill-Kummissjoni*

(5) Id-dejta tal-PNR **hija meħtieġa** għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni b'mod effettiv ta' reati terroristiċi u delitti serji u għalhekk tissaħħaħ is-sigurtà interna.

###### *Emenda*

(5) Id-dejta tal-PNR **tista' tkun mezz utli** għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni b'mod effettiv ta' reati terroristiċi u **ta' ċerti tipi ta' delitti serji ta' natura transnazzjonali** u għalhekk tissaħħaħ is-sigurtà interna.

###### *Ġustifikazzjoni*

"Id-delitti transnazzjonali serji", speċjalment it-traffikar tal-persuni, it-traffikar ta' drogi u tal-armi illegali, huma wkoll relevanti u tipi serji ta' delitti, li l-prevenzjoni tagħhom tista' tiġi megħjuna permezz tal-użu tad-dejta tal-PNR. Billi jitnaqqas l-ambitu ta' din id-Direttiva permezz tat-tħassir ta' "delitti serji", l-użu tad-dejta tal-PNR huwa ffukat fuq id-delitti transkonfinali, fejn din id-dejta hija l-aktar relevanti u effikaċi.

### Emenda 3

#### Proposta għal direttiva Premessa 6

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(6) Id-dejta tal-PNR tgħin lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fil-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' delitti serji, inklużi atti ta' terroriżmu, billi titqabbel ma' bosta databases ta' persuni u oġġetti mfittxija, **titwaqqaf evidenza** u, fejn rilevanti, sabiex jinstabu assoċjati ta' kriminali u jinqabdu netwerks kriminali.

### Emenda 4

#### Proposta għal direttiva Premessa 7

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(7) *Id-dejta tal-PNR tippermetti lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi sabiex jidentifikaw persuni, li qabel kienu "mhux magħrufa", jiġifieri persuni li qabel kienu mhux sospettati u jistgħu jkunu involuti f' delitt serju jew f' terroriżmu, iżda meta d-dejta tagħhom tiġi analizzata din tissuġġerixxi li setgħu jkunu involuti f' tali delitti u li għalhekk dawn il-persuni għandhom ikunu soġġetti għal aktar eżaminazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti. Bl-użu tad-dejta tal-PNR l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jistgħu jindirizzaw it-theddida ta' delitti serji u terroriżmu minn perspettiva differenti u permezz tal-ipproċessar ta' kategoriji oħra ta' dejta personali. Barra minn hekk, sabiex jiġi żgurat li l-ipproċessar tad-dejta ta' persuni innoċenti u persuni mhux sospettati jibqa' limitat kemm jista' jkun, l-aspetti tal-użu tad-dejta tal-PNR fir-rigward tal-istabbiliment u l-applikazzjoni*

##### *Emenda*

(6) Id-dejta tal-PNR **tista'** tgħin lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fil-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' delitti **transnazzjonali** serji, inklużi atti ta' terroriżmu, billi titqabbel ma' bosta databases ta' persuni u oġġetti mfittxija, **sabiex tinstab l-evidenza meħtieġa** u, fejn rilevanti, sabiex jinstabu assoċjati ta' kriminali u jinqabdu netwerks kriminali.

##### *Emenda*

**imħassar**

***tal-kriterji tal-valutazzjoni għandhom jiġu limitati ulterjorment għal delitti serji li għandhom wkoll natura transnazzjonali, jiġifieri huma intrisikament konnessi mal-ivvjaġġar u għal din hija r-raġuni għat-tip ta' dejta li qiegħda tiġi pproċessata.***

#### *Ġustifikazzjoni*

*Ir-Rapporteur jipproponi limitu għall-użu tad-dejta tal-PNR tal-passiġġieri kollha bl-għan tal-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi billi jqabbel ma' databases, b'mod partikolari dawk li jirrigwardaw il-persuni mfittxija (Artikolu 4 punt b), jew fuq talba tal-awtoritajiet kompetenti f'każijiet speċifiċi (Artikolu 4 punt c).*

### **Emenda 5**

#### **Proposta għal direttiva Premessa 11**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(11) It-trasportaturi bl-ajru diġà jiġbru u jipproċessaw dejta tal-PNR mill-passiġġieri tagħhom għall-iskopijiet kummerċjali tagħhom. Din id-Direttiva m'għandha timponi l-ebda obbligu fuq it-trasportaturi bl-ajru biex jiġbru jew iżommu dejta addizzjonali mill-passiġġieri jew jiponu xi obbligu fuq il-passiġġieri sabiex jipprovdu xi dejta addizzjonali ma' dik li diġà qed tkun ipprovduta lit-trasportaturi bl-ajru.

##### *Emenda*

(11) It-trasportaturi bl-ajru diġà jiġbru u jipproċessaw dejta tal-PNR mill-passiġġieri tagħhom għall-iskopijiet kummerċjali tagħhom. Din id-Direttiva m'għandha timponi l-ebda obbligu fuq it-trasportaturi bl-ajru biex jiġbru jew iżommu dejta addizzjonali mill-passiġġieri jew jiponu xi obbligu fuq il-passiġġieri sabiex jipprovdu xi dejta addizzjonali ma' dik li diġà qed tkun ipprovduta lit-trasportaturi bl-ajru.  
***Meta t-trasportaturi bl-ajru ma jiġbrux dejta fil-kors normali tax-xogħol tagħhom għal skopijiet kummerċjali, huma m'għandhomx jiġu mitluba jiżviluppaw il-proċessi sabiex jiġbru dejta bħal din.***

### **Emenda 6**

#### **Proposta għal direttiva Premessa 12**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(12) Id-definizzjoni ta' reati terroristiċi għandha tittieħed mill-Artikoli 1 sa 4 tad-Deċizzjoni Qafas tal-Kunsill 2002/475/ĠAI

##### *Emenda*

(12) Id-definizzjoni ta' reati terroristiċi għandha tittieħed mill-Artikoli 1 sa 4 tad-Deċizzjoni Qafas tal-Kunsill 2002/475/ĠAI

dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu. Id-definizzjoni tad-delitti serji għandha tittieħed mill-Artikolu 2 tad-Deċizzjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI ***tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-Mandat ta' Arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri.*** ***Madankollu, l-Istati Membri jistgħu*** jeskludu dawk id-delitti ***minuri*** li għalihom, filwaqt li tiġi kkunsidrata s-sistema ta' ġustizzja kriminali rispettiva tagħhom, l-ipproċessar tad-dejta tal-PNR skont din id-direttiva ma jkunx konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità. ***Id-definizzjoni ta' delitti transnazzjonali serji għandha tittieħed mill-Artikolu 2 tad-Deċizzjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI u mill-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali.***

## Emenda 7

### Proposta għal direttiva Premessa 14

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(14) Il-kontenut ***ta' kwalunkwe lista*** ta' dejta tal-PNR ***meħtieġa*** li għandha tinkiseb mill-Unità tal-Infurmazzjoni dwar il-Passiġġieri għandha titħejja bl-iskop li tirrifletti r-rekwiżiti leġittimi tal-awtoritajiet pubbliċi għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi jew delitti serji, b'hekk tittejjeb s-sigurtà interna ġewwa l-Unjoni kif ukoll il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali ***taċ-ċittadini***, l-aktar il-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta personali. ***Dawn il-listi m'għandhomx jinkludu*** dejta personali li ***jistgħu jiżvelaw*** l-oriġini razzjali jew etniċi, l-opinjoni politiki, it-twemmin reliġjuż jew filosofiku, is-sħubija fi trejtdjunjin jew id-dejta dwar is-saħħa jew il-ħajja sesswali tal-individwu kkonċernat. Id-dejta tal-PNR għandha

dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu. Id-definizzjoni ta' delitti ***transnazzjonali*** serji għandha tittieħed mill-Artikolu 2 tad-Deċizzjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI u ***mill-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kriminalità Organizzata.*** Transnazzjonali. L-Istati Membri ***għandhom*** jeskludu dawk id-delitti li għalihom, filwaqt li tiġi kkunsidrata s-sistema ta' ġustizzja kriminali rispettiva tagħhom, l-ipproċessar tad-dejta tal-PNR skont din id-direttiva ma jkunx konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità.

#### *Emenda*

(14) Il-kontenut ta' dejta tal-PNR li għandha tinkiseb mill-Unità tal-Infurmazzjoni dwar il-Passiġġieri ***mniżżla fl-Anness ta' din id-Direttiva*** għandha titħejja bl-iskop li tirrifletti r-rekwiżiti leġittimi tal-awtoritajiet pubbliċi għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi jew delitti serji, b'hekk tittejjeb s-sigurtà interna ġewwa l-Unjoni kif ukoll il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali ***tal-persuni***, l-aktar il-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta personali. ***Din id-dejta m'għandhiex tinkludi*** dejta personali li ***tista' tiżvela*** l-oriġini razzjali jew etniċi, l-opinjoni politiki, it-twemmin reliġjuż jew filosofiku, is-sħubija fi trejtdjunjin jew id-dejta dwar is-saħħa jew il-ħajja sesswali tal-individwu kkonċernat. Id-dejta tal-PNR għandha tinkludi dettalji dwar ir-



tinkludi dettalji dwar ir-riservazzjoni u l-itinerajru tal-ivvjaġġar tal-passiġġier li tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti sabiex jidentifikaw il-passiġġieri tal-ajru li jirrappreżentaw theddida għas-sigurtà interna.

riservazzjoni u l-itinerajru tal-ivvjaġġar tal-passiġġier li tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti sabiex jidentifikaw il-passiġġieri tal-ajru li jirrappreżentaw theddida għas-sigurtà interna.

### *Ġustifikazzjoni*

*Fil-verżjoni Inġliża, il-kelma "meħtieġa" tista' twassal għal konfużjoni peress li t-trasportaturi bl-ajru jiġbru d-dejta tal-PNR minn fost l-informazzjoni li jkollhom fl-attivitajiet normali tagħhom. Dawn m'għandhomx ikunu obbligati li jiksbu jew iżommu d-dejta addizzjonali tal-passaġġieri, kif ukoll il-passiġġieri m'għandhomx ikunu obbligati li jipprovdu aktar dejta minn dik normalment prevista mit-trasportaturi bl-ajru għal waqt it-twettiq tal-attivitajiet tagħhom.*

## **Emenda 8**

### **Proposta għal direttiva Premessa 15**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(15) Hemm żewġ metodi possibbli ta' trasferiment ta' dejta bħalissa disponibbli: il-metodu 'pull', fejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li jeħtieġu d-dejta jistgħu jidħlu (jaċċessaw) fis-sistema tar-riservazzjoni tat-trasportatur bl-ajru u joħorġu ('pull') kopja tad-dejta meħtieġa, u l-metodu 'push', fejn it-trasportaturi bl-ajru jittrasferu ('push') id-dejta tal-PNR **meħtieġa** lill-awtorità li qed titlobha, b'hekk dan jippermetti t-trasportaturi bl-ajru jżommu kontroll ta' liema dejta kienet ipprovduta. Il-metodu 'push' **huwa kkunsidrat li joffri** livell oġhla ta' protezzjoni tad-dejta u għandu **jkun** mandatorju għat-trasportaturi bl-ajru kollha.

#### *Emenda*

(15) Hemm żewġ metodi possibbli ta' trasferiment ta' dejta bħalissa disponibbli: il-metodu 'pull', fejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li jeħtieġu d-dejta jistgħu jidħlu (jaċċessaw) fis-sistema tar-riservazzjoni tat-trasportatur bl-ajru u joħorġu ('pull') kopja tad-dejta meħtieġa, u l-metodu 'push', fejn it-trasportaturi bl-ajru jittrasferu ('push') id-dejta tal-PNR lill-awtorità li qed titlobha, b'hekk dan jippermetti t-trasportaturi bl-ajru jżommu kontroll ta' liema dejta kienet ipprovduta. Il-metodu 'push' **joffri** livell oġhla ta' protezzjoni tad-dejta u għandu **jsir** mandatorju, **sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva**, għat-trasportaturi bl-ajru kollha **li diġà jiġbru u jipproċessaw dejta tal-PNR għal skopijiet kummerċjali u joperaw titjiriet internazzjonali lejn jew mit-territorju tal-Istati Membri. Jekk id-dejta tal-PNR tiġi trattata minn operaturi ta' Servizz ta' Riservazzjoni Kompjuterizzata (CRS), tapplika l-Kodiċi ta' Kondotta tas-CRS (Regolament (KE)**

## **Emenda 9**

### **Proposta għal direttiva Premessa 17**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(17) L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jippermettu lit-trasportaturi bl-ajru jissodisfaw l-obbligi tagħhom taħt din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jiġu pprovduti b'penali dissważivi, effettivi u proporzjonati, inklużi penali finanzjarji kontra dawk it-trasportaturi bl-ajru li jonqsu li jissodisfaw dawn l-obbligi fir-rigward tat-trasferiment tad-dejta tal-PNR. ***Meta jkun hemm ksur serju ripetut li jista' jagħmel ħsara għall-iskopijiet bażiċi ta' din id-Direttiva, dawn il-penali jistgħu jinkludu, f'każijiet eċċezzjonali, miżuri bħall-immobilizzazzjoni, il-qbid u l-konfiska tal-mezzi tat-trasport, jew is-sospensjoni temporanja jew l-irtirar tal-liċenzja tal-operazzjoni.***

#### *Emenda*

(17) L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jippermettu lit-trasportaturi bl-ajru jissodisfaw l-obbligi tagħhom taħt din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jiġu pprovduti b'penali dissważivi, effettivi u proporzjonati, inklużi penali finanzjarji kontra dawk it-trasportaturi bl-ajru li jonqsu li jissodisfaw dawn l-obbligi fir-rigward tat-trasferiment tad-dejta tal-PNR.

#### *Ġustifikazzjoni*

*Kultant jista' jkun il-każ li r-responsabbiltà ma tkunx tat-trasportaturi bl-ajru, iżda tat-terzi pajjiżi li ma jipprovdux id-dejta tal-PNR li jkollhom. Il-penali għandhom ikunu dissważivi, effettivi u proporzjonati, kif stipulat fl-ewwel parti tal-premessa. It-tieni parti tal-premessa tista' tiġi meqjusa bħala sproporzjonata jew li tikkontradixxi l-ewwel parti, li tkopri kull tip ta' sanzjoni.*

## **Emenda 10**

### **Proposta għal direttiva Premessa 20**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(20) L-Istati Membri għandhom jikkondividu ma' Stati Membri oħrajn id-dejta tal-PNR li jirċievu fejn tali

#### *Emenda*

(20) L-Istati Membri għandhom jikkondividu ma' Stati Membri oħrajn id-dejta tal-PNR li jirċievu fejn tali

trasferiment huwa meħtieġ għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti serji Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għal strumenti oħra tal-Unjoni dwar l-iskambju tal-intelligence bejn il-pulizija u l-awtoritajiet ġudizzjarji, inkluż id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/371/ĠAI tas-6 ta' April 2009 li stabbiliet l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol) u d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2006/960/ĠAI tat-18 ta' Settembru 2006 dwar is-simplifikazzjoni tal-iskambju ta' informazzjoni u intelligence bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea. Dan l-iskambju tad-dejta tal-PNR bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji għandu *jiġi* irregolat mir-regoli dwar il-kooperazzjoni mal-pulizija u dik ġudizzjarja.

trasferiment huwa meħtieġ għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti ***transnazzjonali*** serji, ***kif definit f'din id-Direttiva***. Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għal strumenti oħra tal-Unjoni dwar l-iskambju tal-intelligence bejn il-pulizija u l-awtoritajiet ġudizzjarji, inkluż id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/371/ĠAI tas-6 ta' April 2009 li stabbiliet l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol) u d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2006/960/ĠAI tat-18 ta' Settembru 2006 dwar is-simplifikazzjoni tal-iskambju ta' informazzjoni u intelligence bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea. Dan l-iskambju tad-dejta tal-PNR bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji għandu *jiġi* irregolat mir-regoli dwar il-kooperazzjoni mal-pulizija u dik ġudizzjarja.

## Emenda 11

### Proposta għal direttiva

#### Premessa 21

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(21) Il-perjodu li matulu għandha tinżamm id-dejta tal-PNR għandu jkun proporzjonali mal-iskopijiet tal-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti serji. Minħabba n-natura tad-dejta u l-użu tagħhom, huwa meħtieġ li d-dejta tal-PNR tinżamm għal perjodu twil biżżejjed biex titwettaq analiżi tax-xejriet u għall-użu fl-investigazzjonijiet. Sabiex jiġi evitat użu sproporzjonat, huwa meħtieġ li, wara perjodu tal-bidu, id-dejta tiġi anonimizzata u aċċessibbli biss taħt kundizzjonijiet stretti ħafna u limitati.

##### *Emenda*

(21) Il-perjodu li matulu għandha tinżamm id-dejta tal-PNR għandu jkun proporzjonali mal-iskopijiet tal-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti serji. Minħabba n-natura tad-dejta u l-użu tagħhom, huwa meħtieġ li d-dejta tal-PNR tinżamm għal perjodu twil biżżejjed biex titwettaq analiżi tax-xejriet u għall-użu fl-investigazzjonijiet. Sabiex jiġi evitat użu sproporzjonat, huwa meħtieġ li, wara perjodu tal-bidu, id-dejta tiġi ***depersonalizzata*** u aċċessibbli biss taħt kundizzjonijiet stretti ħafna u limitati.

## Emenda 12

### Proposta għal direttiva Premessa 23

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(23) L-ipproċessar domestiku tad-dejta tal-PNR f'kull Stat Membru mill-Unità tal-Infommazzjoni dwar il-Passiġġieri u mill-awtoritajiet kompetenti għandu jkun soġġett għal standard ta' protezzjoni tad-dejta personali taħt il-liġi nazzjonali tiegħu li hija konformi mad-Deċiżjoni Qafas 2008/977/ĠAI tas-27 ta' Novembru 2008 dwar il-protezzjoni tad-dejta personali pproċessata fil-qafas tal-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja f'materji kriminali ('Deċiżjoni Qafas 2008/977/ĠAI').

#### *Emenda*

(23) L-ipproċessar domestiku tad-dejta tal-PNR f'kull Stat Membru mill-Unità tal-Infommazzjoni dwar il-Passiġġieri u mill-awtoritajiet kompetenti għandu jkun soġġett għal standard ta' protezzjoni tad-dejta personali taħt il-liġi nazzjonali tiegħu li hija konformi mad-Deċiżjoni Qafas 2008/977/ĠAI tas-27 ta' Novembru 2008 dwar il-protezzjoni tad-dejta personali pproċessata fil-qafas tal-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja f'materji kriminali ('Deċiżjoni Qafas 2008/977/ĠAI') **u mad-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data<sup>1</sup>.**

---

<sup>1</sup>ĠU L 281, 23.11.95, p.31.

#### *Ġustifikazzjoni*

*Peress li tinġabar id-dejta tal-passiġġieri kollha tal-ajru, għandom japplikaw l-ogħla standards ta' protezzjoni tad-dejta.*

## Emenda 13

### Proposta għal direttiva Premessa 24

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(24) Waqt li jiġi kkunsidrat id-dritt għall-protezzjoni tad-dejta personali, id-drittijiet tad-dejta soġġetta għall-ipproċessar tad-dejta tal-PNR tagħhom, bħad-dritt għall-aċċess, id-dritt għar-rettifika, it-tħassir u l-ibblukkar, kif ukoll id-drittijiet għall-

#### *Emenda*

(24) Waqt li jiġi kkunsidrat id-dritt għall-protezzjoni tad-dejta personali, id-drittijiet tad-dejta soġġetta għall-ipproċessar tad-dejta tal-PNR tagħhom, bħad-dritt għall-aċċess, id-dritt għar-rettifika, it-tħassir u l-ibblukkar, kif ukoll id-drittijiet għall-

kumpens u rimedji ġudizzjarji, għandhom ikunu konformi mad-Deċiżjoni Qafas 2008/977/ĠAI.

kumpens u rimedji ġudizzjarji, għandhom ikunu konformi mad-Deċiżjoni Qafas 2008/977/ĠAI **u mad-Direttiva 95/46/KE.**

### *Ġustifikazzjoni*

*Peress li tinġabar id-dejta tal-passiġġieri kollha tal-ajru, għandom japplikaw l-ogħla standards ta' protezzjoni tad-dejta.*

#### **Emenda 14**

##### **Proposta għal direttiva Premessa 25a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(25a) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kostijiet li jirriżultaw mill-miżuri li jittieħdu għall-użu tad-dejta tal-PNR ma jiġux mgħoddija lill-passiġġieri.***

#### **Emenda 15**

##### **Proposta għal direttiva Premessa 28**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(28) Din id-Direttiva ma taffetwax il-possibbiltà għall-Istati Membri li jipprovdu, taħt il-liġi domestika tagħhom, għal sistema ta' ġbir u ġestjoni ta' dejta tal-PNR għal skopijiet oħrajn minbarra dawk speċifikati f'din id-Direttiva, jew mill-fornituri tat-trasport minbarra dawk speċifikati fid-Direttiva, dwar titjiriet interni soġġetti għall-konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-protezzjoni tad-dejta, sakemm tali liġi domestika tirrispetta l-acquis tal-Unjoni. Il-ħruġ tal-ġbir tad-dejta tal-PNR dwar titjiriet interni għandu jkun is-suġġett ta' riflessjoni speċifika f'data futura.***

***imħassar***

## Ġustifikazzjoni

*Sabiex jipprovdu ċertezza legali kemm għall-protezzjoni tad-dejta tal-passiġġieri u għall-interessi ekonomiċi tal-operaturi, l-Istati Membri m'għandhomx jiġbru dejta tal-PNR differenti minn dik definita f'dan ir-Regolament.*

### Emenda 16

#### Proposta għal direttiva Premessa 28b (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(28 b) It-trażmissjoni ta' dejta tal-PNR għandha tiġi limitata għal każijiet fejn din hija indispensabbli għall-prevenzjoni u d-detezzjoni ta' delitti terroristiċi speċifiċi, għat-tmexxija tal-investigazzjonijiet u l-proċeduri legali li jirriżultaw minnhom u, meta huma involuti terzi pajjiżi, f'każijiet biss fejn ikun hemm salvagwardji għall-protezzjoni tad-dejta;***

### Emenda 17

#### Proposta għal direttiva Premessa 32

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(32) B'mod partikolari, l-ambitu tad-Direttiva huwa limitat kemm jista' jkun, hija tippermetti ż-żamma tad-dejta tal-PNR għal perjodu ta' mhux aktar minn ***ħames (5) snin***, li warajhom din id-dejta trid titħassar, ***id-dejta trid tiġi anonimizzata*** wara perjodu qasir ħafna, ***il-ġbir*** u l-użu tad-dejta huwa pprojbit. Sabiex jiżguraw effiċjenza u livell għoli ta' protezzjoni tad-dejta, l-Istati Membri huma meħtieġa li jiżguraw li awtorità nazzjonali ta' sorveljanza indipendenti tkun responsabbli biex tagħti konsulenza u tagħmel monitoraġġ ta' kif tiġi pproċessata d-dejta tal-PNR. L-ipproċessar kollu tad-dejta tal-PNR irid jiġi rreġistrat jew iddokumentat għall-iskop ta' verifikazzjoni

(32) B'mod paratkolari, l-ambitu tad-Direttiva huwa limitat kemm jista' jkun: hija tippermetti ż-żamma tad-dejta tal-PNR għal perjodu ta' mhux aktar minn ***tliet xhur***, li warajhom din id-dejta trid titħassar; wara perjodu qasir ħafna, ***id-dejta trid tiġi moħbija u ssir inaċċessibbli ħliet għal numru limitat u ristrett ħafna ta' personal awtorizzat, u l-ġbir*** u l-użu tad-dejta huwa pprojbit. Sabiex jiżguraw effiċjenza u livell għoli ta' protezzjoni tad-dejta, l-Istati Membri huma meħtieġa li jiżguraw li awtorità nazzjonali ta' sorveljanza indipendenti tkun responsabbli biex tagħti konsulenza u tagħmel monitoraġġ ta' kif tiġi pproċessata d-dejta tal-PNR. L-ipproċessar kollu tad-dejta tal-

jekk l-ipproċessar tad-dejta hux illegali, awtomonitoraġġ u sabiex tiġi żgurata integrità xierqa tad-dejta u sigurtà tal-ipproċessar tad-dejta. L-Istati Membri jridu jiżguraw ukoll li l-passiġġieri tingħatalhom informazzjoni ċara u preċiża dwar il-ġbir tad-dejta tal-PNR u dwar id-drittijiet tagħhom.

PNR irid jiġi rreġistrat jew iddokumentat għall-iskop ta' verifikazzjoni jekk l-ipproċessar tad-dejta hux illegali, awtomonitoraġġ u sabiex tiġi żgurata integrità xierqa tad-dejta u sigurtà tal-ipproċessar tad-dejta. L-Istati Membri jridu jiżguraw ukoll li l-passiġġieri tingħatalhom informazzjoni ċara u preċiża dwar il-ġbir tad-dejta tal-PNR u dwar id-drittijiet tagħhom.

## Emenda 18

### Proposta għal direttiva Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt a

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) Il-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti serji skont l-**Artikolu 4(2)(b) u (c); u**

*Emenda*

(a) Il-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u **ċerti tipi ta' delitti transnazzjonali** serji **kif definiti fil-punt (i) tal-Artikolu 2 u skont l-Artikolu 4(2);**

## Emenda 19

### Proposta għal direttiva Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt b

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) **Il-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' delitti transnazzjonali serji skont l-Artikolu 4(2)(a) u (d);**

*Emenda*

**imħassar**

*Ġustifikazzjoni*

*Kopert mill-Artikolu emendat 1.2(a).*

## Emenda 20

### Proposta għal direttiva Artikolu 1 – paragrafu 2a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2a. Id-dejta tal-PNR miġbura skont din id-Direttiva ma tistax tiġi pproċessata għal reati minuri li jistgħu jiġu kastigati permezz ta' sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni għal perjodu massimu ta' inqas minn tliet snin, skont il-liġi nazzjonali tal-Istat Membru.**

## **Emenda 21**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 1 – paragrafu 2a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2a. Din id-Direttiva m'għandhiex tapplika għal titjiriet fi ħdan l-Unjoni jew għal mezzi ta' trasport oħra barra l-ajruplani.**

## **Emenda 22**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt b**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(b) 'titjira internazzjonali' tfisser kull titjira skedata jew mhux skedata minn trasportatur *bl-* ppjanat li jinżel fit-territorju ta' Stat Membru li toriġina minn pajjiż terz jew li titlaq mit-territorju ta' Stat Membru b' destinazzjoni finali f' pajjiż terz, ***inklużi fiż-żewġ każijiet kull titjira tat-trasferiment jew tat-transitu;***

(b) 'titjira internazzjonali' tfisser kull titjira skedata jew mhux skedata minn trasportatur *bl-ajru* ppjanat li jinżel fit-territorju ta' Stat Membru li toriġina minn pajjiż terz jew li titlaq mit-territorju ta' Stat Membru b' destinazzjoni finali f' pajjiż terz;

### *Ġustifikazzjoni*

*Inklużi titjiriet tat-transitu jew tat-trasferiment tfisser iż-żieda ta' titjiriet interni tal-UE fl-ambitu tad-Direttiva.*

*1) S'agissant des vols de transfert: étant donné que les transmissions PNR concernent la totalité des vols et non les passagers, les demandes visant à inclure les vols de transfert équivalent à demander des transmissions PNR pour pratiquement tous les vols intra*



*communautaires.2)S'agissant des vols de transit: les données PNR sont envoyées aux autorités des aéroports d'où les passagers débarquent de vols, (et non les autorités des aéroports de transit, où par définition, les passagers "n'atterrissent" pas dans les contrôles de l'immigration). L'itinéraire d'un passager ne correspondra pas toujours au point de transit, ainsi cette clause ne permet pas de satisfaire le système des conditions de demande.*

## **Emenda 23**

### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt c**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(c) 'Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri' jew 'dejta tal-PNR' tfisser reġistru tar-rekwiżiti tal-ivvjaġġar ta' kull passiġġier li jinkludi informazzjoni meħtieġa biex tippermetti li r-riservazzjonijiet jistgħu jiġu pproċessati u kkontrollati mit-trasportaturi *bl-* tal-prenotazzjoni u tal-parteċipazzjoni għal kull vjaġġ ipprenotat minn jew f'isem persuna, kemm jekk inkluża fuq sistema tar-riservazzjoni, Sistemi tal-Kontroll tat-Tluq (DCS) jew sistemi ekwivalenti li jipprovdu l-istess funzjonijiet;

##### *Emenda*

(c) 'Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri' jew 'dejta tal-PNR' tfisser reġistru tar-rekwiżiti tal-ivvjaġġar ta' kull passiġġier, ***miġbura u miżmuma elettronikament mit-trasportaturi bl-ajru fl-attivitajiet normali tagħhom***, li jinkludi informazzjoni meħtieġa biex tippermetti li r-riservazzjonijiet jistgħu jiġu pproċessati u kkontrollati mit-trasportaturi *bl-ajru* tal-prenotazzjoni u tal-parteċipazzjoni għal kull vjaġġ ipprenotat minn jew f'isem persuna, kemm jekk inkluża fuq sistema tar-riservazzjoni, Sistemi tal-Kontroll tat-Tluq (DCS) jew sistemi ekwivalenti li jipprovdu l-istess funzjonijiet;

##### *Ġustifikazzjoni*

*Sabiex tiġi evitata ż-żieda ta' piżijiet ta' ħafna spejjeż fuq it-trasportaturi bl-ajru, li min-naħa tagħhom isarrfu fi spejjeż għall-passiġġieri/konsumaturi.*

## **Emenda 24**

### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt f**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(f) 'metodu push' tfisser il-metodu fejn it-trasportaturi bl-ajru jittrasferixxu d-dejta tal-PNR ***meħtieġa*** fid-database tal-awtorità li tkun qed titlobha;

##### *Emenda*

(f) 'metodu push' tfisser il-metodu fejn it-trasportaturi bl-ajru jittrasferixxu d-dejta tal-PNR ***miġbura minnhom li hija mniżżla fl-Anness ta' din id-Direttiva*** fid-database tal-awtorità li tkun qed titlobha;

## Emenda 25

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(fa) permezz tal-metodu 'pull', l-awtorità li tagħmel it-talba jkollha aċċess dirett għad-database tas-sistema ta' riservazzjoni tat-trasportaturi bl-ajru u tieħu d-dejta tal-passiġġieri mid-database;*

#### *Ġustifikazzjoni*

*Id-definizzjoni tas-sistema 'pull' tidher li hija neċessarja peress li l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea tagħmel referenza għaliha f'diversi partijiet.*

## Emenda 26

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt h

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(h) 'delitt serju' tfisser id-delitti taħt il-liġi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI jekk huma punibbli minn piena ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni għal perjodu massimu ta' mill-inqas tliet snin skont il-liġi nazzjonali ta' Stat Membru, madankollu, l-Istati Membri jistgħu jeskludu dawk id-delitti minuri li, meta tiġi kkunsidrata s-sistema tal-ġustizzja kriminali rispettiva, l-ipproċessar tad-dejta tal-PNR skont din id-direttiva fir-rigward tagħhom ma jkunx skont il-prinċipju tal-proporzjonalità;*

*imħassar*

## Emenda 27

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt i – parti introduttorja

*Test propost mill-Kummissjoni*

(i) ‘delitti transnazzjonali serji’ tfisser id-delitti taħt il-liġi nazzjonali msemija fl-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI jekk għalihom ikun hemm piena ta’ kustodja jew ta’ ordni ta’ detenzjoni għal perjodu massimu ta’ mill-inqas tliet snin taħt il-liġi nazzjonali ta’ Stat Membru, jekk.

*Emenda*

(i) ‘delitti transnazzjonali serji’ tfisser id-delitti **li ġejjin** taħt il-liġi nazzjonali msemija fl-Artikolu 2 (2) tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI: **it-traffikar tal-persuni, it-traffikar illeċitu ta' drogi narkotiċi u t-traffikar illeċitu tal-armi, munizzjon u splussivi**, jekk għalihom ikun hemm piena ta’ kustodja jew ta’ ordni ta’ detenzjoni għal perjodu massimu ta’ mill-inqas tliet snin taħt il-liġi nazzjonali ta’ Stat Membru, jekk.

**Emenda 28**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 3 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi jew jinnomina awtorità kompetenti għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta’ reati terroristiċi u delitti serji jew fergħa ta’ din l-awtorità biex tagħxi bħala l-‘Unità tal-Infurmazzjoni dwar il-Passiġġieri’ tiegħu responsabbli mill-ġbir tad-dejta tal-PNR mit-trasportaturi *bl-*, il-ħażna tagħhom, l-analiżi tagħhom u t-trasmissjoni tar-riżultat tal-analiżi lill-awtoritajiet kompetenti msemija fl-Artikolu 5. Il-membri tal-persunal tagħhom jistgħu jiġu sekondati mill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti.

*Emenda*

1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi jew jinnomina awtorità kompetenti għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta’ reati terroristiċi u delitti **transnazzjonali** serji jew fergħa ta’ din l-awtorità biex tagħxi bħala l-‘Unità tal-Infurmazzjoni dwar il-Passiġġieri’ tiegħu responsabbli mill-ġbir tad-dejta tal-PNR mit-trasportaturi *bl-ajru*, il-ħażna tagħhom, l-analiżi tagħhom u t-trasmissjoni tar-riżultat tal-analiżi lill-awtoritajiet kompetenti msemija fl-Artikolu 5. Il-membri tal-persunal tagħhom jistgħu jiġu sekondati mill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti.

**Emenda 29**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 3 – paragrafu 3a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***3 a. Il-ħażna, l-ipproċessar u l-analiżi ta' dejta tal-PNR relatata mal-passiġġieri fuq titjiriet internazzjonali, għandha ssir esklussivament fi ħdan it-territorju tal-Unjoni. Il-liġi applikabbli għal dawn il-proċeduri għandha tkun il-liġi tal-Unjoni dwar il-protezzjoni ta' dejta personali;***

### **Emenda 30**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 4 – paragrafu 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***1a. L-Istati Membri għandhom jerfgħu l-ispejjeż tal-ġbir, l-ipproċessar u t-trażmissjoni tad-dejta tal-PNR.***

### **Emenda 31**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt a**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(a) tewttieg ta' valutazzjoni tal-passiġġieri qabel il-wasla jew tluq skedat tagħhom mill-Istat Membru sabiex jiġu identifikati persuni li jistgħu jkunu involuti f'reat terroristiku jew delitt transnazzjonali serju u li jeħtieġu aktar analiżi mill-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 5. Fit-tewttieg ta' tali valutazzjoni, l-Unità tal-Infurmazzjoni dwar il-Passiġġieri tista' tipproċessa d-dejta tal-PNR mal-kriterji stabbiliti minn qabel. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe taqbila pożittiva li tirriżulta minn tali pproċessar awtomatizzat hija riveduta individwalment permezz ta' mezzi mhux awtomatizzati biex ikun verifikat jekk l-awtorità***

***imħassar***

**kompetenti msemija fl-Artikolu 5 għandhiex bżonn tieħu azzjoni;**

## **Emenda 32**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt b**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) **twettiq ta' valutazzjoni tal-passiġġieri** qabel il-wasla jew tluq skedat tagħhom mill-Istat Membru **sabiex jiġu identifikati persuni li jistgħu jkunu involuti** f'reat terroristiku jew delitt serju **u li jeħtieġu aktar analiżi mill-awtoritajiet kompetenti msemija fl-Artikolu 5.** Fit-twettiq ta' tali valutazzjoni l-Unità tal-Infurmazzjoni dwar il-Passiġġieri tista' wkoll tqabbel id-dejta tal-PNR ma' databases rilevanti, inklużi databases internazzjonali jew nazzjonali jew mirja nazzjonali tad-databases tal-Unjoni, fejn dawn huma stabbiliti abbażi tal-liġi tal-Unjoni fuq persuni jew oġġetti mfittxija jew taħt allert, skont regoli tal-Unjoni, internazzjonali u nazzjonali applikabbli għal dawn il-fajls. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe taqbilta pożittiva li tirriżulta minn tali pproċessar awtomatizzat hija riveduta individwalment permezz ta' mezzi mhux awtomatizzati biex ikun verifikat jekk l-awtorità kompetenti msemija fl-Artikolu 5 għandhiex bżonn tieħu azzjoni;

*Emenda*

(b) **il-valutazzjoni ulterjuri – li tista' ssir** qabel il-wasla jew tluq skedat tagħhom mill-Istat Membru **mill-awtoritajiet kompetenti msemija fl-Artikolu 5 – ta' passiġġieri fejn fir-rigward tagħhom hemm raġunijiet fattwali għal suspett ta' involviment** f'reat terroristiku jew delitt **transnazzjonali** serju. Fit-twettiq ta' tali valutazzjoni l-Unità tal-Infurmazzjoni dwar il-Passiġġieri tista' wkoll tqabbel id-dejta tal-PNR ma' databases rilevanti, inklużi databases internazzjonali jew nazzjonali jew mirja nazzjonali tad-databases tal-Unjoni, fejn dawn huma stabbiliti abbażi tal-liġi tal-Unjoni fuq persuni jew oġġetti mfittxija jew taħt allert, skont regoli tal-Unjoni, internazzjonali u nazzjonali applikabbli għal dawn il-fajls. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe taqbilta pożittiva li tirriżulta minn tali pproċessar awtomatizzat hija riveduta individwalment permezz ta' mezzi mhux awtomatizzati biex ikun verifikat jekk l-awtorità kompetenti msemija fl-Artikolu 5 għandhiex bżonn tieħu azzjoni;

## **Emenda 33**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt c**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(c) tweġiba, fuq bażi ta' kull każ individwali, għal talbiet b'raġuni xierqa mill-awtoritajiet kompetenti sabiex

*Emenda*

(c) tweġiba, fuq bażi ta' kull każ individwali, għal talbiet b'raġuni xierqa mill-awtoritajiet kompetenti sabiex

tippovdi dejta tal-PNR u tipproċessa dejta tal-PNR f'każijiet speċifiċi għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti serji, u tippovdi r-riżultati ta' dan l-ipproċessar lill-awtoritajiet kompetenti.

tippovdi dejta tal-PNR u tipproċessa dejta tal-PNR f'każijiet speċifiċi għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti **transnazzjonali** serji, u tippovdi r-riżultati ta' dan l-ipproċessar lill-awtoritajiet kompetenti.

#### **Emenda 34**

##### **Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt d**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*(d) l-analizzar tad-dejta tal-PNR bl-iskop li jiġu aġġornati jew jiġu stabbiliti kriterji ġodda għat-twertieq tal-valutazzjonijiet sabiex jiġu identifikati kwalunkwe persuni li jistgħu jkunu involuti f'reat terroristiku jew delitti transnazzjonali serji skont il-punt (a).*

*Emenda*

*imħassar*

#### **Emenda 35**

##### **Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 3a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*3 a. L-ipproċessar ta' dejta tal-PNR jista' jiġi ordnat wara li ssir applikazzjoni miċ-Ċentrali tal-PNR permezz ta' qorti ta' Stat Membru li għandha kompetenza għal dan. Huwa biss meta ċ-Ċentrali tal-PNR tindika perikolu imminenti ("periculum in mora"), li hija stess tkun tista' tiddeċiedi dan ir-regolament.*

#### **Emenda 36**

##### **Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

4. L-Unità tal-Infommazzjoni dwar il-Passiġġieri ta' Stat Membru għandha tittrasferixxi d-dejta tal-PNR jew ir-riżultati tal-ipproċessar tad-dejta tal-PNR tal-persuni identifikati skont **il-punti (a) u (b)** tal-paragrafu 2 għal aktar analiżi lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti tal-istess Stat Membru. Dawn it-trasferimenti jistgħu jsiru biss fuq bażi ta' każ b'każ.

**Emenda 37**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 5 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Kull Stat Membru għandu jadotta lista tal-awtoritajiet kompetenti ntitolati li jitolbu jew jirċievu dejta tal-PNR jew ir-riżultat tal-ipproċessar ta' dejta tal-PNR mill-Unitajiet tal-Infommazzjoni dwar il-Passiġġieri sabiex jeżamina aktar din l-infommazzjoni jew biex jieħu azzjoni xierqa bl-iskop tal-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti serji.

**Emenda 38**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 5 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu magħmula minn awtoritajiet kompetenti għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti serji.

**Emenda 39**

*Emenda*

4. L-Unità tal-Infommazzjoni dwar il-Passiġġieri ta' Stat Membru għandha tittrasferixxi d-dejta tal-PNR jew ir-riżultati tal-ipproċessar tad-dejta tal-PNR tal-persuni identifikati skont **il-punt (b)** tal-paragrafu 2 għal aktar analiżi lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti tal-istess Stat Membru. Dawn it-trasferimenti jistgħu jsiru biss fuq bażi ta' każ b'każ.

*Emenda*

1. Kull Stat Membru għandu jadotta lista tal-awtoritajiet kompetenti ntitolati li jitolbu jew jirċievu dejta tal-PNR jew ir-riżultat tal-ipproċessar ta' dejta tal-PNR mill-Unitajiet tal-Infommazzjoni dwar il-Passiġġieri sabiex jeżamina aktar din l-infommazzjoni jew biex jieħu azzjoni xierqa bl-iskop tal-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti **transnazzjonali** serji.

*Emenda*

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu magħmula minn awtoritajiet kompetenti għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti **transnazzjonali** serji.

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 5 – paragrafu 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

4. Id-dejta tal-PNR tal-passiġġieri u r-riżultat tal-ipproċessar tad-dejta tal-PNR riċevuti mill-Unità tal-Infurmazzjoni dwar il-Passiġġieri jistgħu jiġu pproċessati aktar mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri bl-iskop biss għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti serji.

**Emenda 40**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 6 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li t-trasportaturi *bl-* jittrasferixxu ('push') id-dejta tal-PNR kif definita fl-Artikolu 2(c) u speċifikata fl-Anness, sakemm din id-dejta ***diġà*** jiġbruha huma, għad-database tal-Unità tal-Infurmazzjoni dwar il-Passiġġieri nazzjonali tal-Istat Membru fit-territorju fejn it-titjira internazzjonali se tinżel jew mit-territorju minn fejn se titlaq it-titjira. Meta t-titjira għandha l-kodiċi kondiviż bejn trasportatur *bl-* wieħed jew aktar, l-obbligu għat-trasferiment tad-dejta tal-PNR tal-passiġġieri kollha fuq it-titjira għandu jkun fuq it-trasportatur *bl-* li jopera t-titjira. Fejn it-titjira jkollha waqfa waħda jew aktar fl-porti tal-Istati Membri, it-trasportaturi *bl-* għandhom jittrasferixxu d-dejta tal-PNR ***lill-Unitajiet tal-Infurmazzjoni dwar il-Passiġġieri tal-Istati Membri kkonċernati.***

*Emenda*

4. Id-dejta tal-PNR tal-passiġġieri u r-riżultat tal-ipproċessar tad-dejta tal-PNR riċevuti mill-Unità tal-Infurmazzjoni dwar il-Passiġġieri jistgħu jiġu pproċessati aktar mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri bl-iskop biss għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti ***transnazzjonali*** serji.

*Emenda*

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li t-trasportaturi *bl-ajru* ***li diġà jiġbru dejta tal-PNR mill-passiġġieri tagħhom,*** jittrasferixxu (***jiġifieri*** 'push') id-dejta tal-PNR kif definita fl-Artikolu 2(c) u speċifikata fl-Anness, sakemm din id-dejta jiġbruha huma ***fl-attivitajiet normali tagħhom,*** għad-database tal-Unità tal-Infurmazzjoni dwar il-Passiġġieri nazzjonali tal-Istat Membru fit-territorju fejn it-titjira internazzjonali se tinżel jew mit-territorju minn fejn se titlaq it-titjira. Meta t-titjira għandha l-kodiċi kondiviż bejn trasportatur *bl-ajru* wieħed jew aktar, l-obbligu għat-trasferiment tad-dejta tal-PNR tal-passiġġieri kollha fuq it-titjira għandu jkun fuq it-trasportatur *bl-ajru* li jopera t-titjira. Fejn it-titjira jkollha waqfa waħda jew aktar fl-porti tal-Istati Membri, it-trasportaturi *bl-ajru* għandhom jittrasferixxu d-dejta tal-PNR ***esklussivament lill-Unità tal-Infurmazzjoni dwar il-Passiġġieri.***

***1a. L-Istati Membri m'għandhomx***



*jeħtieġu trasportaturi bl-ajru biex jiġbru xi dejta tal-PNR li s'issa għadha ma tinġabarx mit-trasportaturi bl-ajru. It-trasportaturi bl-ajru m'għandhomx jittrasferixxu xi dejta tal-PNR barra minn dik definita fl-Artikolu 2 (c) u speċifikata fl-Anness. It-trasportaturi bl-ajru m'għandhomx ikunu responsabbli mill-eżattezza u l-kompletezza tad-dejta provduta mill-passiġġieri, minbarra jekk huma ma ħadux ħsieb raġonveoli biex jiżguraw li d-dejta miġbura mill-passiġġieri tkun eżatta u korretta.*

2. It-trasportaturi *bl-* għandhom jittrasferixxu d-dejta tal-PNR permezz ta' mezzi elettroniċi bl-użu ta' protokollu komuni u formati aċċettati tad-dejta li għandhom ikunu adottati skont il-proċedura tal-Artikoli 13 u 14 jew, fil-każ ta' falliment tekniku, permezz ta' kwalunkwe mezz xieraq ieħor li jiżgura livell xieraq ta' sigurtà tad-dejta:

a) 24 sa 48 siegħa qabel il-ħin skedat għat-tluq tat-titjira;

and

(b) minnufih wara l-għeluq tat-titjira, jiġifieri hekk kif il-passiġġieri jkunu telgħu fuq l-inġenju tal- lesti għat-tluq u ma jkunx għadu possibbli li jitolgħu aktar passiġġieri abbord.

3. L-Istati Membri *jistgħu* jippermettu t-trasportaturi bl- jillimitaw it-trasferiment msemmi fil-punt (b) tal-paragrafu 2 għall-aġġornamenti tat-trasferiment imsemmi fil-punt (a) tal-paragrafu 2.

4. Fuq bażi ta' każ b'każ, fuq talba tal-Unità tal-Infurmazzjoni dwar il-Passiġġieri skont il-liġi nazzjonali, it-trasportaturi bl-għandhom jittrasferixxu d-dejta tal-PNR fejn ikun meħtieġ aċċess aktar kmieni minn dak imsemmi fil-punt (a) tal-paragrafu 2 biex jassistu fit-tweġiba għal theddid speċifiku u reali marbut ma' reati terroristiċi jew delitti serji.

2. It-trasportaturi *bl-ajru* għandhom jittrasferixxu d-dejta tal-PNR permezz ta' mezzi elettroniċi bl-użu ta' protokollu komuni u formati aċċettati tad-dejta li għandhom ikunu adottati skont il-proċedura tal-Artikoli 13 u 14 jew, fil-każ ta' falliment tekniku *tat-trasportaturi bl-ajru*, permezz ta' kwalunkwe mezz xieraq ieħor li jiżgura livell xieraq ta' sigurtà tad-dejta:

a) *darba* 24 sa 48 siegħa qabel il-ħin skedat għat-tluq tat-titjira;

u

(b) *darba* minnufih wara l-għeluq tat-titjira, jiġifieri hekk kif il-passiġġieri jkunu telgħu fuq l-inġenju tal- lesti għat-tluq u ma jkunx għadu possibbli li jitolgħu aktar passiġġieri abbord.

3. L-Istati Membri *għandhom* jippermettu t-trasportaturi bl- jillimitaw it-trasferiment msemmi fil-punt (b) tal-paragrafu 2 għall-aġġornamenti tat-trasferiment imsemmi fil-punt (a) tal-paragrafu 2.

4. Fuq bażi ta' każ b'każ, fuq talba tal-Unità tal-Infurmazzjoni dwar il-Passiġġieri skont il-liġi nazzjonali, it-trasportaturi bl-għandhom jittrasferixxu d-dejta tal-PNR fejn ikun meħtieġ aċċess aktar kmieni minn dak imsemmi fil-punt (a) tal-paragrafu 2 biex jassistu fit-tweġiba għal theddid speċifiku u reali marbut ma' reati terroristiċi jew delitti *transnazzjonali* serji.

## Emenda 41

### Proposta għal direttiva Artikolu 7

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fir-rigward ta' persuni identifikati mill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri skont ***l-Artikolu 4(2)(a) u (b)***, ir-riżultat tal-iproċessar tad-dejta tal-PNR huwa trażmess minn dik l-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri lill-Unitajiet tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri meta l-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri tal-ewwel tikkunsidra tali trasferiment meħtieġ għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi jew delitti serji. L-Unitajiet tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri tal-Istati Membri riċevanti għandhom jittrażmettu tali dejta tal-PNR jew ir-riżultat tal-ipproċessar tad-dejta tal-PNR lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti tagħhom.

2. L-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri ta' Stat Membru għandu jkollu d-dritt li jitlob, jekk ikun hemm bżonn, lill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri ta' kwalunkwe Stat Membru ieħor biex tipprovdiha d-dejta tal-PNR li tinżamm fid-database ta' din tal-aħħar skont l-Artikolu 9(1), u, jekk ikun hemm bżonn, anke r-riżultat tal-ipproċessar tad-dejta tal-PNR. It-talba għal tali dejta tista' tkun ibbażata fuq kwalunkwe waħda jew kombinazzjoni ta' elementi tad-dejta, kif meqjusa meħtieġa mill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri li qed tagħmel it-talba għal każ speċifiku għall-

#### *Emenda*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fir-rigward ta' persuni identifikati mill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri skont ***l-Artikolu 4(2) (b)***, ir-riżultat tal-iproċessar tad-dejta tal-PNR huwa trażmess minn dik l-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri lill-Unitajiet tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri meta l-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri tal-ewwel tikkunsidra tali trasferiment meħtieġ għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi jew delitti ***transnazzjonali*** serji. ***Dawn it-tip ta' trasferimenti għandhom jiġu limitati strettament għad-dejta neċessarja f'każ speċifiku għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi jew ta' delitti transnazzjonali serji u għandhom jiġu ġustifikati bil-miktub.*** L-Unitajiet tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri tal-Istati Membri riċevanti għandhom jittrażmettu tali dejta tal-PNR jew ir-riżultat tal-ipproċessar tad-dejta tal-PNR lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti tagħhom.

2. L-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri ta' Stat Membru għandu jkollu d-dritt li jitlob, jekk ikun hemm bżonn, lill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri ta' kwalunkwe Stat Membru ieħor biex tipprovdiha d-dejta tal-PNR li tinżamm fid-database ta' din tal-aħħar skont l-Artikolu 9(1), u, jekk ikun hemm bżonn, anke r-riżultat tal-ipproċessar tad-dejta tal-PNR. It-talba għal tali dejta ***għandha tiġi strettament limitata għad-dejta neċessarja fil-każ speċifiku.*** ***Hija*** tista' tkun ibbażata fuq kwalunkwe waħda jew kombinazzjoni ta' elementi tad-dejta, kif meqjusa meħtieġa mill-Unità tal-Informazzjoni

prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi jew delitti serji. L-Unitajiet tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għandhom jipprovdu d-dejta mitluba hekk kif tkun prattikabbli u għandhom jipprovdu wkoll ir-riżultat tal-ipproċessar tad-dejta tal-PNR, jekk ikun diġà tħejja skont ***l-Artikolu 4(2)(a)***.

3. L-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri ta' Stat Membru għandu jkollu d-dritt li jitlob, jekk ikun hemm bżonn, lill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri ta' kwalunkwe Stat Membru ieħor biex tipprovdiha d-dejta tal-PNR li tinżamm fid-database ta' din tal-aħħar skont l-Artikolu 9(2), u, jekk ikun hemm bżonn, anke r-riżultat tal-ipproċessar tad-dejta tal-PNR. L-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri tista' titlob aċċess għal dejta tal-PNR speċifika li tinżamm mill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri ta' Stat Membru ieħor fil-forma totali tagħha mingħajr il-ħabi ta' xi dejta biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali bi tweġiba għal theddida speċifika jew investigazzjoni jew prosekuzzjoni speċifiċi relatati ma' reati terroristiċi jew delitti serji.

4. Huwa biss f'dawk il-każijiet fejn ikun hemm il-ħtieġa għall-prevenzjoni ta' theddida imminenti u serja għas-sigurtà pubblika li l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jitolbu direttament lill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri ta' kwalunkwe Stat Membru ieħor biex tipprovdihom bid-dejta tal-PNR li tinżamm fid-database ta' din tal-aħħar skont l-Artikolu 9(1) and (2). Dawn it-talbiet għandhom ikunu relatati ma' investigazzjoni jew *prosekuzzjon* speċifika ta' reati terroristiċi jew delitti serji u għandhom ikunu raġunati. L-Unitajiet tal-

dwar il-Passiġġieri li qed tagħmel it-talba għal każ speċifiku għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi jew delitti ***transnazzjonali*** serji ***u għandha tiġi ġustifikata bil-miktub***. L-Unitajiet tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għandhom jipprovdu d-dejta mitluba hekk kif tkun prattikabbli u għandhom jipprovdu wkoll ir-riżultat tal-ipproċessar tad-dejta tal-PNR, jekk ikun diġà tħejja skont ***l-Artikolu 4(2)(b)***.

3. L-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri ta' Stat Membru għandu jkollu d-dritt li jitlob, jekk ikun hemm bżonn, lill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri ta' kwalunkwe Stat Membru ieħor biex tipprovdiha d-dejta tal-PNR li tinżamm fid-database ta' din tal-aħħar skont l-Artikolu 9(2), u, jekk ikun hemm bżonn, anke r-riżultat tal-ipproċessar tad-dejta tal-PNR. L-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri tista' titlob aċċess għal dejta tal-PNR speċifika li tinżamm mill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri ta' Stat Membru ieħor fil-forma totali tagħha mingħajr il-ħabi ta' xi dejta biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali bi tweġiba għal theddida speċifika jew investigazzjoni jew prosekuzzjoni speċifiċi relatati ma' reati terroristiċi jew delitti ***transnazzjonali*** serji. ***Talba bħal din għandha tiġi ġustifikata bil-miktub***.

4. Huwa biss f'dawk il-każijiet fejn ikun hemm il-ħtieġa għall-prevenzjoni ta' theddida imminenti u serja għas-sigurtà pubblika li l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jitolbu direttament lill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri ta' kwalunkwe Stat Membru ieħor biex tipprovdihom bid-dejta tal-PNR li tinżamm fid-database ta' din tal-aħħar skont l-Artikolu 9(1) and (2). Dawn it-talbiet għandhom ikunu relatati ma' investigazzjoni jew *prosekuzzjoni* speċifika ta' reati terroristiċi jew delitti ***transnazzjonali*** serji u għandhom ikunu

Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għandhom iwieġbu għal dawn it-talbiet bħala kwistjoni ta' prijorità. Fil-każijiet l-oħra kollha l-awtoritajiet kompetenti għandhom jgħaddu t-talbiet tagħhom mingħand l-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri tal-Istat Membru tagħhom stess.

5. Eċċezzjonalment, meta jkun hemm bżonn aċċess kmieni bħala tweġiba għal theddida speċifika u reali dwar reati terroristiċi jew delitti serji, l-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri ta' Stat Membru għandu jkollha d-dritt li titlob lill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri ta' Stat Membru ieħor biex tipprovdilha dejta tal-PNR tat-titjiriet li jinżlu fi jew li jtilqu mit-territorju ta' din tal-aħħar fi kwalunkwe ħin.

6. L-iskambju tal-informazzjoni taħt dan l-Artikolu jista' jsir bl-użu tal-mezzi eżistenti għall-kooperazzjoni tal-infurzar tal-liġi internazzjonali. Il-lingwa użata għat-talba u l-iskambju tal-informazzjoni għandha tkun waħda applikabbli għall-mezz użat. Meta jagħmlu n-notifiki tagħhom skont l-Artikolu 3(3), l-Istati Membri għandhom ukoll jinfurmaw il-Kummissjoni bid-dettalji tal-kuntatti, lil min jistgħu jintbagħtu t-talbiet f'każ ta' urġenza. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika n-notifiki riċevuti lill-Istati Membri.

raġunati. L-Unitajiet tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għandhom iwieġbu għal dawn it-talbiet bħala kwistjoni ta' prijorità. Fil-każijiet l-oħra kollha l-awtoritajiet kompetenti għandhom jgħaddu t-talbiet tagħhom mingħand l-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri tal-Istat Membru tagħhom stess.

5. Eċċezzjonalment, meta jkun hemm bżonn aċċess kmieni bħala tweġiba għal theddida speċifika u reali dwar reati terroristiċi jew delitti **transnazzjonali** serji, l-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri ta' Stat Membru għandu jkollha d-dritt li titlob lill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri ta' Stat Membru ieħor biex tipprovdilha dejta tal-PNR tat-titjiriet li jinżlu fi jew li jtilqu mit-territorju ta' din tal-aħħar fi kwalunkwe ħin. **Talbiet bħal dawn għandhom jiġu limitati strettament għad-dejta neċessarja f'każ speċifiku għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi jew delitti transnazzjonali serji, u għandhom jiġu ġustifikati bil-miktub.**

6. L-iskambju tal-informazzjoni taħt dan l-Artikolu jista' jsir bl-użu tal-mezzi eżistenti għall-kooperazzjoni tal-infurzar tal-liġi **Ewropea u internazzjonali, b'mod partikolari l-Europol u l-unitajiet nazzjonali skont l-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/371/ĠAI tas-6 ta' April 2009.** Il-lingwa użata għat-talba u l-iskambju tal-informazzjoni għandha tkun waħda applikabbli għall-mezz użat. Meta jagħmlu n-notifiki tagħhom skont l-Artikolu 3(3), l-Istati Membri għandhom ukoll jinfurmaw il-Kummissjoni bid-dettalji tal-kuntatti, lil min jistgħu jintbagħtu t-talbiet f'każ ta' urġenza. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika n-notifiki riċevuti lill-Istati Membri.

#### *Ġustifikazzjoni*

*Bħala regola, m'għandux ikun hemm skambju tad-dejta personali tal-passiġġieri kollha. L-iskambju tad-dejta għandu jkun strettament limitat, relatat ma' każ speċifiku ta' prevenzjoni,*

*tad-detenzjoni, tal-investigazzjoni jew tal-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u għandu jiġi ġustifikat bil-miktub sabiex ikun jista' jiġi verifikat.*

*Il-mezzi eżistenti għandhom jintużaw għall-iskambju tal-informazzjoni. Il-Europol, għalhekk, għandha tissemma b'mod espliċitu.*

## **Emenda 42**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 8**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Stat Membru jista' jittrasferixxi dejta tal-PNR u r-riżultati tal-ipproċessar tad-dejta tal-PNR lil pajjiż terz, fuq il-bażi ta' każ b'każ biss u jekk:

(a) jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet ippreżentati fl-Artikolu 13 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI,

(b) it-trasferiment huwa meħtieġ għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva speċifikata fl-Artikolu 1(2), u

(c) it-tielet pajjiż ***jaqbel li jittrasferixxi d-dejta lil pajjiż terz ieħor*** fil-każ biss li huwa meħtieġ għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva kif speċifikat fl-Artikolu 1(2) ***u biss bl-awtorizzazzjoni espressa tal-Istat Membru.***

#### *Emenda*

Stat Membru jista' jittrasferixxi dejta tal-PNR u r-riżultati tal-ipproċessar tad-dejta tal-PNR lil pajjiż terz ***biss abbażi ta' ftehim internazzjonali bejn l-Unjoni u t-terz pajjiż,*** fuq il-bażi ta' każ b'każ biss u jekk:

***(-a) il-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fl-Artikolu 7 ġew sodisfatti mutatis mutandis,***

(a) jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet ippreżentati fl-Artikolu 13 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI,

(b) it-trasferiment huwa meħtieġ għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva speċifikata fl-Artikolu 1(2), u

c) it-tielet pajjiż ***jiggarantixxi li huwa se juża*** d-dejta fil-każ biss li huwa meħtieġ għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva kif speċifikat fl-Artikolu 1(2). ***It-trasferiment minn dan it-tielet pajjiż għal tielet pajjiż ieħor għandu jiġi pprojbit.***

***(d) il-pajjiż terz għandu jippermetti liċ-ċittadini tal-Unjoni, mingħajr xkiel, dewmien jew spejjeż eċċessivi, l-istess drittijiet ta' aċċess, rettifika, tħassir u kumpens fir-rigward ta' dejta tal-PNR bħal dawk li japplikaw fl-Unjoni,***

***(e) il-pajjiż terz jiżgura livell adegwat u komparabbli ta' protezzjoni għal dejta tal-PNR.***

## *Ġustifikazzjoni*

*Id-dejta tal-PNR għandha tiġi trażmessa lil terzi pajjiżi biss jekk tiġi garantita protezzjoni adegwata tad-dejta.*

### **Emenda 43**

#### **Proposta għal direttiva Artikolu 9 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2. Wara l-iskadenza tal-perjodu ta' 30 ġurnata wara t-trasferiment tad-dejta tal-PNR lill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri msemmija fil-paragrafu 1, id-dejta għandha tinżamm fl-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għal perjodu ieħor ta' ħames snin. Matul dan il-perjodu, l-elementi kollha tad-dejta li jistgħu jservu biex jidentifikaw il-passiġġier li miegħu hija relatata d-dejta tal-PNR, għandhom jiġu moħbija. Din id-dejta tal-PNR anonimizata għandha tkun aċċessibbli biss għal numru limitat ta' persunal tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri awtorizzata speċifikament sabiex twettaq analiżi tad-dejta tal-PNR u tiżviluppa kriterji tal-valutazzjoni skont l-Artikolu 4(2)(c). Aċċess għad-dejta tal-PNR kollha għandu jkun permess biss mill-Kap tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għall-iskop tal-Artikolu 4(2)(b) u fejn jista' jkun maħsub raġonevolment li hemm bżonn li titwettaq investigazzjoni u bħala reazzjoni għal theddida jew riskju speċifiku u reali jew investigazzjoni jew prosekuzzjoni speċifika.**

***imħassar***

## *Ġustifikazzjoni*

*Il-ħażna tad-dejta tal-PNR kollha għal perjodi ta' żmien anki mingħajr sospett inizjali hija sproporzjonata. Il-qrati nazzjonali kostituzzjonali f'diversi deċiżjonijiet dwar iż-żamma tad-dejta fit-telekomunikazzjoni abbażi tad-direttiva 2006/24/KE, kif ukoll il-KEDB, fid-deċiżjoni tagħha dwar iż-żamma tal-kampjuni tad-DNA (S. and Marper vs UK) għamluha ċara u avżaw ukoll li l-effetti kumulattivi taż-żamma ta' tipi differenti ta' dejta jistgħu ikunu qrib il-limitu*

*kostituzzjonali assolut. Is-Servizz Legali tal-Kunsill u l-Aġenzija tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE it-tnejn li huma ma ġewx konvinti dwar in-neċessità u l-proporzjonalità taż-żamma tad-dejta dwar il-passiġġieri.*

#### **Emenda 44**

##### **Proposta għal direttiva Artikolu 9 – paragrafu 3**

###### *Test propost mill-Kummissjoni*

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dejta tal-PNR titħassar hekk kif jiskadi l-perjodu speċifikat ***fil-paragrafu 2***. Dan l-obbligu għandu jkun mingħajr preġudizzju għal każijiet fejn dejta tal-PNR speċifika ġiet trasferita lil awtorità kompetenti u li tintuża fil-kuntest ta' investigazzjonijiet ***jew prosekuzzjonijiet*** kriminali speċifiċi, fejn iż-żamma ta' tali dejta mill-awtorità kompetenti għandha tiġi regolata mil-liġi nazzjonali tal-Istat Membru.

###### *Emenda*

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dejta tal-PNR titħassar hekk kif jiskadi l-perjodu speċifikat ***fil-paragrafu 1***. Dan l-obbligu għandu jkun mingħajr preġudizzju għal każijiet fejn dejta tal-PNR speċifika ġiet trasferita lil awtorità kompetenti u li tintuża fil-kuntest ta' investigazzjonijiet kriminali speċifiċi ***jew ta' azzjonijiet ta' prosekuzzjoni immirati lejn persuna partikolari jew lejn grupp partikolari ta' persuni***, fejn iż-żamma ta' tali dejta mill-awtorità kompetenti għandha tiġi regolata mil-liġi nazzjonali tal-Istat Membru.

###### *Ġustifikazzjoni*

*L-obbligu tat-tħassir tad-dejta wara ħames snin għandu jkun finali. L-eċċezzjoni provduta hawnhekk tagħmel sens, iżda għandu jiġi ċċarat li ż-żamma tad-dejta wara li jkun għaddew ħames snin tista' tkun permessa biss f'każ ta' investigazzjonijiet kriminali dwar persuna partikolari jew dwar grupp partikolari ta' persuni. 'L-investigazzjonijiet jew il-prosekuzzjonijiet kriminali speċifiċi', li huma l-kliem użati fil-proposta tal-Kummissjoni, jistgħu jaffettwaw numru ta' persuni.*

#### **Emenda 45**

##### **Proposta għal direttiva Artikolu 9 – paragrafu 4**

###### *Test propost mill-Kummissjoni*

Ir-riżultat ta' tqabbil msemmi ***fl-Artikolu 4(2)(a) u (b)*** għandu jinżamm mill-Unità tal-Infurmazzjoni dwar il-Passiġġieri sakemm biss ikun hemm bżonn li jiġu informati l-awtoritajiet kompetenti ta' tqabbil pożittiv. Meta, wara analiżi

###### *Emenda*

Ir-riżultat ta' tqabbil msemmi ***fl-Artikolu 4(2)(b)*** għandu jinżamm mill-Unità tal-Infurmazzjoni dwar il-Passiġġieri sakemm biss ikun hemm bżonn li jiġu informati l-awtoritajiet kompetenti ta' tqabbil pożittiv. Meta, wara analiżi

individwali ta' mezzi mhux awtomatizzati, ir-riżultat ta' operazzjoni ta' tqabbil awtomatizzat joħroġ negattiv, madankollu għandu jinħażen biex jiġi evitat tqabbil pożittiv 'falz' futuri għal perjodu massimu ta' tliet snin sakemm id-dejta sottostanti tkun għadha ma tħassritx skont il-paragrafu 3 sal-iskadenza ta' dawk il-ħames (5) snin, li f'dak il-każ ir-reġistru għandu jinżamm sakemm id-dejta sottostanti titħassar.

## Emenda 46

### Proposta għal direttiva Artikolu 10 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw, b'konformità mal-liġi nazzjonali tagħhom, li penali dissważivi, effettivi u proporzjonali, inklużi penali finanzjarji, jiġu pprovduti kontra t-trasportaturi *bl-* li, ma jittrażmettux id-dejta meħtieġa taħt din id-Direttiva, sakemm tkun diġà nġabret mit-trasportaturi *bl-*, jew ma jagħmlux hekk fil-format meħtieġ jew jiksru b'mod ieħor id-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva.

individwali ta' mezzi mhux awtomatizzati, ir-riżultat ta' operazzjoni ta' tqabbil awtomatizzat joħroġ negattiv, id-dejta sottostanti ***għandha tiġi korretta jew titħassar mid-database konċernata.***

#### *Emenda*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw, b'konformità mal-liġi nazzjonali tagħhom, li penali dissważivi, effettivi u proporzjonali, inklużi penali finanzjarji, jiġu pprovduti kontra t-trasportaturi *bl-ajru* li, ma jittrażmettux id-dejta meħtieġa taħt din id-Direttiva, sakemm tkun diġà nġabret mit-trasportaturi *bl-ajru*, jew ma jagħmlux hekk fil-format meħtieġ ***preskritt mil-linji gwida tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali dwar id-dejta tal-PNR*** jew jiksru b'mod ieħor id-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva. ***M'għandhomx jiġu imposti sanzjonijiet fuq it-trasportaturi bl-ajru meta l-awtoritajiet ta' tielet pajjiż ma jħalluhomx jittrasferixxu d-dejta tal-PNR.***

#### *Ġustifikazzjoni*

*Il-format mitlub għandu jkun format li kien hemm ftehim dwaru fid-dinja kollha u li huwa rikonoxxut mill-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (id-dokument 9944) u mill-Organizzjoni Dinjija Doganali.*

*Il-kjarifika hija meħtieġa għax il-leġiżlazzjoni dwar it-trasferiment tad-dejta hija differenti f'pajjiżi terzi.*



## Emenda 47

### Proposta għal direttiva Artikolu 11 – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Kull Stat Membru għandu jipprovdi li d-dispożizzjonijiet adottati taħt il-liġi nazzjonali fl-implimentazzjoni tal-Artikoli 21 u 22 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI dwar il-kunfidenzjalità tal-ipproċessar u s-sigurtà tad-dejta għandhom japplikaw għall-ipproċessar kollu tad-dejta personali skont din id-Direttiva

*Emenda*

2. Kull Stat Membru għandu jipprovdi li d-dispożizzjonijiet adottati taħt il-liġi nazzjonali fl-implimentazzjoni tal-Artikoli 21 u 22 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI dwar il-kunfidenzjalità tal-ipproċessar u s-sigurtà tad-dejta għandhom japplikaw għall-ipproċessar kollu tad-dejta personali skont din id-Direttiva. ***It-trasportaturi bl-ajru li jakkwistaw iddettalji ta' kuntatt tal-passiġġieri mill-aġenziji tal-ivvjaġġar, m'għandhomx jiġu permessi li jużaw iddettalji għal skopijiet kummerċjali.***

## Emenda 48

### Proposta għal direttiva Artikolu 11 – paragrafu 2 a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***2a. Meta d-dispożizzjonijiet li ġew adottati skont il-liġi nazzjonali fl-implimentazzjoni tad-Direttiva 95/46/KE jipprovdu lill-passiġġier b'aktar drittijiet ta' aċċess, rettifika, kanċellazzjoni u imblokkar tad-dejta, għall-kompensazzjoni, rimedju ġudizzjarju, kunfidenzjalità tal-ipproċessar u sikurezza tad-dejta mid-dispożizzjonijiet li ġew referuti fil-paragrafi 1 u 2, għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet.***

*Ġustifikazzjoni*

*Xi drittijiet ta' ċerti suġġetti tad-dejta huma indirizzati b'mod aktar adegwat fid-Direttiva 95/46/KE, b'mod partikolari, ir-rekwiżiti ta' informazzjoni tas-suġġetti tad-dejta.*

## Emenda 49

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 11 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. Kwalunkwe pproċessar ta' dejta tal-PNR li jiżvela l-orijini tar-razza jew etnika, it-twemmin reliġjuż jew filosofiku, l-opinjoni politika, is-sħubija fi trejtdjunjin, is-saħħa jew il-ħajja sesswali ta' persuna għandu jkun projbit. F'każ li dejta tal-PNR li tiżvela din l-informazzjoni tasal għand l-Unità tal-Infurmazzjoni dwar il-Passiġġieri għandha titħassar minnufih.

*Emenda*

3. Kwalunkwe pproċessar minn **Unità tal-Infurmazzjoni dwar il-Passiġġieri** ta' dejta tal-PNR li jiżvela l-orijini tar-razza jew etnika, it-twemmin reliġjuż jew filosofiku, l-opinjoni politika, is-sħubija fi trejtdjunjin, is-saħħa jew il-ħajja sesswali ta' persuna għandu jkun projbit. F'każ li dejta tal-PNR li tiżvela din l-informazzjoni tasal għand l-Unità tal-Infurmazzjoni dwar il-Passiġġieri għandha titħassar minnufih.

*Ġustifikazzjoni*

*L-iskrinjar jew l-ipproċessar tal- PNR in konnessjoni mal-prevenzjoni, id-detezzjoni u l-investigazzjoni ta' reati terroristiċi u reati kriminali serji oħra, huma r-responsabbiltà tal-Unitajiet tal-Infurmazzjoni dwar il-Passiġġieri, mhux tal-linji tal-ajru.*

*It-trasportaturi bl-ajru għandhom din l-informazzjoni, bil-mod kif tiġi provduta lilhom mill-passiġġieri.*

**Emenda 50**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 11 – paragrafu 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

4. L-ipproċessar kollu tad-dejta tal-PNR **mit-trasportaturi bl-**, it-trasferimenti kollha tad-dejta tal-PNR minn Unitajiet tal-Infurmazzjoni dwar il-Passiġġieri u t-talbiet kollha mill-awtoritajiet kompetenti jew Unitajiet tal-Infurmazzjoni dwar il-Passiġġieri ta' Stati Membri oħra u pajjiżi terzi, anke jekk irrifjutati, għandhom jiġu rreġistrati jew iddokumentati mill-Unitajiet tal-Infurmazzjoni dwar il-Passiġġieri u l-awtoritajiet kompetenti għall-iskop tal-verifika tal-legalità tal-ipproċessar tad-dejta, awto-monitoraġġ u assigurazzjoni tal-integrità tad-dejta xierqa u s-sigurtà tal-ipproċessar tad-dejta, b' mod partikolari

*Emenda*

4. L-ipproċessar kollu tad-dejta tal-PNR, it-trasferimenti kollha tad-dejta tal-PNR minn Unitajiet tal-Infurmazzjoni dwar il-Passiġġieri u t-talbiet kollha mill-awtoritajiet kompetenti jew Unitajiet tal-Infurmazzjoni dwar il-Passiġġieri ta' Stati Membri oħra u pajjiżi terzi, anke jekk irrifjutati, għandhom jiġu rreġistrati jew iddokumentati mill-Unitajiet tal-Infurmazzjoni dwar il-Passiġġieri u l-awtoritajiet kompetenti għall-iskop tal-verifika tal-legalità tal-ipproċessar tad-dejta, awto-monitoraġġ u assigurazzjoni tal-integrità tad-dejta xierqa u s-sigurtà tal-ipproċessar tad-dejta, b' mod partikolari

mill-awtoritajiet nazzjonali tas-superviżjoni tal-protezzjoni tad-dejta. Dawn l-entrati tar-reġistru għandhom jinżammu għal perjodu ta' ħames snin sakemm id-dejta sottostanti għadha ma tħassritx skont l-Artikolu 9(3) mal-iskadenza ta' dawk l-istess ħames snin, u f'dak il-każ l-entrati tar-reġistru għandhom jinżammu sakemm titħassar id-dejta sottostanti.

mill-awtoritajiet nazzjonali tas-superviżjoni tal-protezzjoni tad-dejta. Dawn l-entrati tar-reġistru għandhom jinżammu għal perjodu ta' ħames snin sakemm id-dejta sottostanti għadha ma tħassritx skont l-Artikolu 9(3) mal-iskadenza ta' dawk l-istess ħames snin, u f'dak il-każ l-entrati tar-reġistru għandhom jinżammu sakemm titħassar id-dejta sottostanti.

### *Ġustifikazzjoni*

*Dan il-paragrafru jirreferi għal dejta tal-PNR li ġiet trasferita lil Unitajiet tal-Infurmazzjoni dwar il-Passiġġieri, mhux id-dejta tal-PNR li hija miżmuma mit-trasportaturi bl-ajru.*

### **Emenda 51**

#### **Proposta għal direttiva Artikolu 11 – paragrafu 4 a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***4a. Għandu japplika standard partikolarment għoli ta' sigurtà għall-protezzjoni tad-dejta kollha, li jikkunsidra l-aħħar żviluppi fid-diskussjonijiet professjonali dwar il-protezzjoni tad-dejta u li jiġi aġġornat kontinwament biex jinkludi għarfien u perspettivi ġodda. Għandu jkun żgurat, li fid-deċiżjonijiet dwar l-istandards ta' sigurtà li għandhom jintużaw, il-perspettivi ekonomiċi jingħataw l-aktar l-aktar importanza sekondarja.***

***B'mod partikolari, għandu jiġi provdut l-użu ta' wieħed mill-metodi ta' "encryption" xieraq għall-istat attwali tat-teknoloġija li:***

***- jiżgura li ma jistgħux jintużaw sistemi ta' ipproċessar tad-dejta minn persuni mhux awtorizzati;***

***jiżgura li dawk awtorizzati li jużaw sistema tal-ipproċessar tad-dejta jkollhom aċċess biss għad-dejta li jkollhom l-awtorizzazzjoni għaliha u li d-dejta personali ma tkunx tista' tista' tinqara,***

*tiġi kkopjata, tinbidel jew titneħħa bla permess waqt l-ipproċessar, l-użu u wara l-ħażna;*

*jiżgura li d-dejta personali, waqt it-trasferiment elettroniku jew waqt it-trasport tagħha jew il-ħżin tagħha fuq midja ta' ħażna tad-dejta, ma tkunx tista' tinqara, tiġi kkopjata, tinbidel jew titneħħa, u li jkun jista' jiġi sorveljat u determinat f'liema sitwazzjonijiet ikun previst it-trasferiment ta' dejta personali permezz tal-istabbiliment ta' trasferiment tad-dejta.*

*Għandu jkun żgurat li wieħed ikun jista' jissorvelja u jiddetermina posterjorment jekk id-dejta personali fis-sistemi tal-ipproċessar tad-dejta nbidlitx jew tneħħietx u minn min.*

*Għandu jkun żgurat li d-dejta personali li tiġi proċessata fil-kuntratt tkun tista' tiġi proċessata biss skont l-istruzzjonijiet tal-klijent.*

*Għandu jkun żgurat li d-dejta personali għandha tkun protetta kontra d-destruzzjoni jew it-telf aċċidentali tagħha.*

*Għandu jkun żgurat li d-data miġbura għal skopijiet differenti tkun tista' tiġi proċessata b'mod separat.*

## **Emenda 52**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 11 – paragrafu 5**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-trasportaturi *bl-*, l-aġenti tagħhom jew bejjiegħa oħra tal-biljetti għall-ġarr ta' passiġġieri fuq servizz tal- javżaw il-passiġġieri ta' titjiriet internazzjonali, fil-ħin li jipprenotaw it-titjira u fil-ħin tal-akkwist tal-biljett, b' mod ċar u preċiż dwar il-provvista ta' dejta tal-PNR **għall-Unità** tal-Infurmazzjoni dwar il-Passiġġieri, l-iskopijiet tal-ipproċessar tagħhom, il-

#### *Emenda*

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-trasportaturi *bl-ajru*, l-aġenti tagħhom jew bejjiegħa oħra tal-biljetti għall-ġarr ta' passiġġieri fuq servizz tal- javżaw il-passiġġieri ta' titjiriet internazzjonali, fil-ħin li jipprenotaw it-titjira u fil-ħin tal-akkwist tal-biljett, b' mod ċar u preċiż dwar il-provvista ta' dejta tal-PNR **għall-Unitajiet** tal-Infurmazzjoni dwar il-Passiġġieri, l-iskopijiet tal-ipproċessar

perjodu taż-żamma tad-dejta, l-użu possibbli ta' tagħhom għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi jew delitti serji, il-possibbiltà tal-iskambju u l-kondiviżjoni ta' din id-dejta u d-drittijiet ta' tagħhom tal-protezzjoni tad-dejta, ***b'mod partikolari*** d-dritt li jilmentaw ma' awtorità nazzjonali tas-sorveljanza tal-protezzjoni tad-dejta tal-għażla ta' tagħhom. L-istess informazzjoni għandha tkun disponibbli mill-Istati Membri lill-pubbliku.

ta' tagħhom, il-perjodu taż-żamma tad-dejta, l-użu possibbli ta' tagħhom għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi jew delitti ***transnazzjonali*** serji, il-possibbiltà tal-iskambju u l-kondiviżjoni ta' din id-dejta u d-drittijiet ta' tagħhom tal-protezzjoni tad-dejta, ***b'had-dritt għall-aċċess, għall-korrezzjoni, għat-tħassir u l-imblukkar tad-dejta***, u d-dritt li jilmentaw ma' awtorità nazzjonali tas-sorveljanza tal-protezzjoni tad-dejta tal-għażla ta' tagħhom. L-istess informazzjoni għandha tkun disponibbli mill-Istati Membri lill-pubbliku.

### *Ġustifikazzjoni*

*L-għan huwa li jiġu ċċarati l-miżuri ta' protezzjoni ta' dejta personali.*

## **Emenda 53**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 12 a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### *Artikolu 12a*

#### *Spejjeż*

***Sal-...\*, il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport dwar l-impatt finanzjarji ta' din id-Direttiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Ir-rapport għandu jiffoka, b'mod partikolari, fuq l-ispejjeż magħmula mill-passiġġieri, mit-trasportaturi bl-ajru u mill-bejniegħa tal-biljetti. Jekk ikun xieraq, ir-rapport għandu jiġi akkumpanjat minn proposta leġiżlattiva bl-għan li tarmonizza s-separazzjoni tal-piż finanzjarju bejn l-awtoritajiet pubbliċi u t-trasportaturi bl-ajru fl-Unjoni kollha.***

---

*\* OJ : jekk jogħġbok inserixxi d-data: sentejn wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.*

*Il-kwistjoni tal-ispejjeż għandha tiġi indirizzata fir-Regolament.*

## **Emenda 54**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 15**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jimxu ma' din id-Direttiva sa mhux iżjed tard minn sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva. Għandhom minnufih jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-testi ta' dawk id-dispożizzjonijiet u skeda ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

*Emenda*

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jimxu ma' din id-Direttiva sa mhux iżjed tard minn sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva. ***Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, huma għandhom jagħmlu dan f'konformità mal-prinċipji ġenerali tal-liġi tal-Unjoni u mar-rekwiżiti tal-hteġa u tal-proporzjonalità.*** Għandhom minnufih jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-testi ta' dawk id-dispożizzjonijiet u skeda ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

## **Emenda 55**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 16 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

***Mad-data msemmija fl-Artikolu 15(1), jiġifieri sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li tinġabar id-dejta tal-PNR ta' mill-inqas 30% tat-titjiriet kollha msemmija fl-Artikolu 6(1). Sa sentejn wara d-data msemmija fl-Artikolu 15, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li tinġabar id-dejta tal-PNR ta' mill-inqas 60 % tat-titjiriet kollha msemmija fl-Artikolu 6(1). L-Istati Membri għandhom jiżguraw li minn erba' snin wara d-data msemmija fl-***

*Emenda*

***imħassar***

**Artikolu 15, tinġabar id-dejta tal-PNR mit-titjiriet kollha msemmija fl-Artikolu 6(1).**

## **Emenda 56**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt a**

*Test propost mill-Kummissjoni*

**a) tanalizza l-vijabilità u ħtieġa li jiġu inklużi t-titjiriet interni fl-iskop ta' din id-Direttiva, fid-dawl tal-esperjenza miksuba minn dawg l-Istati Membri li jiġbru dejta tal-PNR dwar titjiriet interni. Il-Kummissjoni għandha tibgħat rapport lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill fi żmien sentejn mid-data msemmija fl-Artikolu 15(1);**

*Emenda*

**imħassar**

## **Emenda 57**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 18 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-Istati Membri għandhom iħejju sett ta' informazzjoni statistika dwar id-dejta tal-PNR mogħtija lill-Unitajiet tal-Infurmazzjoni dwar il-Passiġġieri. Tali statistika għandha bħala minimu tkopri n-numru ta' identifikazzjonijiet ta' kwalunkwe persuna li tista' tkun involuta f'reat terroristiku jew f'delitti serji skont l-Artikolu 4(2) u n-numru ta' azzjonijiet sussegwenti tal-infurzar tal-liġi li jinvolvu l-użu tad-dejta tal-PNR għal kull trasportatur bl- u destinazzjoni.

*Emenda*

1. L-Istati Membri għandhom iħejju sett ta' informazzjoni statistika dwar id-dejta tal-PNR mogħtija lill-Unitajiet tal-Infurmazzjoni dwar il-Passiġġieri. Tali statistika għandha bħala minimu tkopri n-numru ta' identifikazzjonijiet ta' kwalunkwe persuna li tista' tkun involuta f'reat terroristiku jew f'delitti **transnazzjonali** serji skont l-Artikolu 4(2) u n-numru ta' azzjonijiet sussegwenti tal-infurzar tal-liġi li jinvolvu l-użu tad-dejta tal-PNR għal kull trasportatur bl- u destinazzjoni.

## **Emenda 58**

**Proposta għal direttiva  
Anness 1 – punt 12**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(12) ***Kummenti ġenerali (inkluża l-informazzjoni kollha disponibbli fuq minuri mhux akkumpanjati taħt it-18-il sena, **bħall-isem u s-sess tal-minuri, l-età, l-ilsien (ilsna) mitkellm(a), l-isem u d-dettalji tal-kuntatt tal-kustodja mat-tluq u r-relazzjoni mal-minuri, l-isem u d-dettalji tal-kuntatt tal-kustodja mal-wasla u r-relazzjoni mal-minuri, l-aġent tat-tluq u tal-wasla*****

*Emenda*

(12) l-informazzjoni kollha disponibbli fuq minuri akkumpanjati taħt it-18-il sena



## PROĊEDURA

<b>Titolu</b>	L-użu tad-dejta fir-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (UE-PNR)		
<b>Referenzi</b>	COM(2011)0032 – C7-0039/2011 – 2011/0023(COD)		
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	LIBE 14.2.2011		
<b>Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	TRAN 14.2.2011		
<b>Rapporteur(s)</b> Data tal-ħatra	Eva Lichtenberger 21.3.2011		
<b>Eżami fil-kumitat</b>	11.7.2011	10.10.2011	21.11.2011
<b>Data tal-adozzjoni</b>	22.11.2011		
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: -: 0:	25 15 1	
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Inés Ayala Sender, Georges Bach, Izaskun Bilbao Barandica, Antonio Cancian, Michael Cramer, Philippe De Backer, Saïd El Khadraoui, Ismail Ertug, Carlo Fidanza, Knut Fleckenstein, Jacqueline Foster, Mathieu Grosch, Jim Higgins, Dieter-Lebrecht Koch, Jaromír Kohlíček, Georgios Koumoutsakos, Werner Kuhn, Jörg Leichtfried, Bogusław Liberadzki, Eva Lichtenberger, Marian-Jean Marinescu, Gesine Meissner, Hubert Pirker, David-Maria Sassoli, Vilja Savisaar-Toomast, Olga Sehnalová, Debora Serracchiani, Brian Simpson, Keith Taylor, Silvia-Adriana Țicău, Thomas Ulmer, Peter van Dalen, Dominique Vlasto, Artur Zasada, Roberts Zīle		
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Philip Bradbourn, Michel Dantin, Dominique Riquet, Laurence J.A.J. Stassen, Sabine Wils		
<b>Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Pablo Zalba Bidegain		

PROĊEDURA

<b>Titolu</b>	L-użu tad-dejta fir-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (UE-PNR)
<b>Referenzi</b>	COM(2011)0032 – C7-0039/2011 – 2011/0023(COD)
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	LIBE 14.2.2011
<b>Opinjoni mogħtija minn</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	TRAN 14.2.2011
<b>Rapporteur(s)</b> Data tal-ħatra	Michael Cramer 17.3.2015
<b>Data tal-adozzjoni</b>	17.3.2015
<b>Riżultat</b>	Approvat fil- minuti
<b>Membri preżenti</b>	Marie-Christine Arnautu, Inés Ayala Sender, Georges Bach, Izaskun Bilbao Barandica, Deirdre Clune, Michael Cramer, Andor Deli, Karima Delli, Ismail Ertug, Jacqueline Foster, Bruno Gollnisch, Dieter-Lebrecht Koch, Merja Kyllönen, Peter Lundgren, Marian-Jean Marinescu, Georg Mayer, Gesine Meissner, Cláudia Monteiro de Aguiar, Jens Nilsson, Markus Pieper, Salvatore Domenico Pogliese, Tomasz Piotr Poręba, Gabriele Preuß, Christine Revault D'Allonnes Bonnefoy, Dominique Riquet, Massimiliano Salini, David-Maria Sassoli, Claudia Schmidt, Claudia Tapardel, István Ujhelyi, Peter van Dalen, Wim van de Camp, Janusz Zemke
<b>Sostituti preżenti</b>	Ivo Belet, Rosa D'Amato, Daniel Dalton, Bas Eickhout, Kateřina Konečná, Werner Kuhn, Massimo Paolucci, Olga Sehnalová, Davor Škrlec, Patricija Šulin, Henna Virkkunen